MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 657/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Karl Josep[h Sciberras ta' 29 sena bin il-mejjet George u Helen nee` Zammit imwieled Pieta` fl-04 ta' Frar, 1982 u joqghod 'Harruba Court' Flt 9 Triq Iz-Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 97082(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Karl Joseph Sciberras li gie akkuzat talli f'Marzu u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, apporpja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga

ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` ghamel qligh ta’ aktar minn disat elef ewro (€9,000), ghad-detriment tas-socjeta Malita Shipping Agencies Limiteed, ai termini ta’ l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. :

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikjrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas lil parte civile l-ammont kollu dovut.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293 u 296 tal tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------